



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2011/0160(NLE)**

29.2.2012

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea  
(11104/2011 – C7-0241/2011 – 2011/0160(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Judith Sargentini

PA\_Leg\_Consent

## ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

L-għan tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (VPA) bejn l-UE u l-Liberja hu li jsaħħaħ il-governanza tal-foresti, tiżdied it-trasparenza, tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u jiltwaqqaf il-qtuġh illegali tas-siġar. Il-Kumitat għall-Iżvilupp jilqa' n-negozjar bla problemi u parteċipattiv, li involva l-partijiet kollha interessati f'dak li għandu x'jaqsam ma' foresti u li ppermetta li jinkiseb ftehim inizjali bil-parteċipazzjoni diretta tal-komunitajiet forestali.

Minkejja dawn is-sinjali pożittivi, irridu niftakru li fl-aħħar mill-aħħar ir-riżultat dak li jgħodd u li l-implimentazzjoni effikaċi se tkun l-isfida ewlenija tal-proċess kollu. F'dan il-kuntest, il-Kumitat għall-Iżvilupp jemmen li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-ftehim se jiġu kkunsidrati bħala effikaċi jekk l-oġettivi u l-impenji tal-FLEGT ikunu sostnuti b'mod effikaċi bir-rieda politika taż-żewġ naħat. B'mod partikolari, hemm bosta kwistjonijiet li l-Kumitat DEVE jixtieq jisħaq dwarhom:

- Il-proċess tal-VPA għandu jikkonforma mal-istrumenti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-foresti u ma' daww nazzjonali (liġijiet, regolamenti, eċċ) b'qafas ta' implimentazzjoni biex jitwaqqaf il-qtuġh illegali tas-siġar fl-industrija tal-injam u titnaqqas il-korruzzjoni;
- Il-Gvern tal-Liberja jrid juri rieda politika qawwija billi jintegra l-fondi pprovduti minn donaturi oħra tal-UE sabiex jappoġġjaw il-komunitajiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll jadotta digriet sabiex il-Kumitat ta' Tmexxija jsir entità legali.
- Is-settur tal-forestrija kollu jrid iqis b'mod xieraq id-drittijiet u l-interessi tal-komunitajiet li se jiġu milquta mill-qtuġh tas-siġar f'konformità mat-termini soċjali u ambjentali inklużi fil-ftehimiet iffirmati mill-komunitajiet.
- Għalkemm l-iskemi FLEGT u REDD (Emissjonijiet Imnaqqa mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti) jittrattaw mal-użu tal-foresti, dawn huma meqjusa bħala inizjattivi separati u amministrati minn ministri differenti fil-pajjiżi sħab. Jenfasizza, għaldaqstant, li mingħajr l-insistenza fuq il-governanza tajba u r-rikonoxximent tad-drittijiet tal-komunitajiet lokali u tal-popli indiġeni, l-iskemi REDD jistgħu jevitaw il-proċessi ta' konsultazzjoni (u meta jkun il-każ, ir-riformi tal-governanza u tal-liġi) li huma parti mill-proċess FLEGT. Għal din ir-raġuni, l-iskemi REDD għandhom jinbnew fuq il-proċess ta' konsultazzjoni FLEGT u jindirizzw il-kawżi sottostanti tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti.

Fl-aħħar nett, il-Parlament Ewropew attwalment qiegħed jikkunsidra il-pjan tal-Kummissjoni li tinkludi rappurtaż pajiż b'pajiż fil-proposti għad-direttivi tal-UE dwar it-trasparenza u r-responsabilità diretta. Dawn il-proposti huma partikolarment ta' importanza kbira għall-industrija ta' estrazzjoni, inkluż l-injam, peress li jipprovdu opportunità unika għall-UE li tagħti prova tal-kapaċità ta' tmexxija tagħha billi tadotta miżuri ambizzjużi dwar ir-reqwiżiti mandatorji ta' żvelar pajiż b'pajiż għall-impriżi Ewropej u b'dan il-mod, joħduha kontra l-evażjoni fiskali u tiżdied ir-responsabilità soċjali tal-impriżi multinazzjonali.

\*\*\*\*\*

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-

kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.2.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ricardo Cortés Lastra, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Filip Kaczmarek, Franziska Keller, Miguel Angel Martínez Martínez, Maurice Ponga, Birgit Schnieber-Jastram, Eleni Theocharous, Patrice Tirolien, Gabriele Zimmer
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Isabella Lövin, Gesine Meissner, Cristian Dan Preda, Bart Staes, Patrizia Toia
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Joseph Cuschieri, Zita Gurmai, Claudiu Ciprian Tănăsescu